



C/2024/4850

12.8.2024

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2024 mir-Rumanija mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral  
(L-Għaxar Awla) fis-17 ta' April 2024 fil-Kawża T-49/22, Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-457/24 P)**

(C/2024/4850)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

### Partijiet

*Appellant:* Ir-Rumanija (rappreżentanti: E. Gane, M. Chicu, R. Antonie, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-Rumanija titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħa:

- tiddikjara l-appell ammissibbli, tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral fil-Kawża T-49/22 kollha kemm hi u, tiddeċiedi mill-ġdid fl-imsemmija kawża billi tilqa' t-talba għal annullament parżjali tad-Deċiżjoni 2021/2020 (¹), proposta mill-Gvern Rumen,  
jew
  - tiddikjara l-appell ammissibbli, tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral fil-Kawża T-49/22 kollha kemm hi u tibgħat lura l-imsemmija kawża quddiem il-Qorti Ġeneral sabiex din tagħti deċiżjoni oħra sabiex, f'din l-istanza, tintlaqa' t-talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni 2021/2020, proposta mill-Gvern Rumen;
  - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, ir-Rumanija tressaq erba' aggravji.

- A. Ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013 (²), moqri flimkien mal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 908/2014 (³) u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Rumanija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta:

- stabbilixxet li l-bażi legali tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni setgħet tinbidel matul il-proċedura għall-verifika tal-konformità, anki waqt laqgħa bilaterali;
- sostniet li l-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 908/2014, jaapplika mhux biss għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kalkolu tal-korrezzjoni finanzjarja iż-żda anki għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar l-assenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni;
- qieset li l-agħir tal-Kummissjoni, li kien jikkonsisti fsovrapożżizzjoni parżjali ta' żewġ investigazzjonijiet u l-kjarifika tardiva fl-ewwel investigazzjoni ta' uħud mill-elementi rilevanti għat-tieni waħda, ma setax jikkostitwixxi "fattur estern" fit-tieni investigazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 34(6)(b) tar-Regolament Nru 908/2014.

(¹) Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2020 tas-17 ta' Novembru 2021 li teskludi mill-finanzjament mill-Unjoni Ewropea ċertu nefqa imġarrba mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2021, L 413, p. 10).

(²) Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83).

(³) Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU 2014, L 255, p. 59, rettifikasi fil-ĠU 2015, L 114, p. 25).

Billi wettqet dawn l-iżbalji ta' liġi, il-Qorti Ĝeneralni llimitat id-dritt tar-Rumanija għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

- B. Ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 44(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1307/2013<sup>(4)</sup> u mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn jikkonċerna l-ommissjoni dwar id-definizzjoni tar-raba' mistrieħ meta mqabbla ma' dik tal-mergħat, fil-każ ta' raba' li jinhad dem ta' bejn 10 u 30 ettaru.

Ir-Rumanija ssostni li l-Qorti Ĝeneralni żnaturat l-argumenti tal-awtoritajiet Rumeni meta kkonkludiet li dawn tal-aħħar allegatament ammettew b'mod impliċitu li ma kinux f'pożizzjoni li jiggħarantixxu n-nuqqas ta' riskju għall-fondi fir-rigward tar-raba' li jinhad dem ta' bejn 10 u 30 ettaru.

Barra minn hekk, ir-Rumanija tqis li l-Qorti Ĝeneralni wettqet żbalji ta' liġi meta:

- ċaħdet, billi rreferiet għall-Artikolu 44(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1307/2013, l-argumenti li jipprovdli li, fil-każ ta' raba' li jinhad dem ta' bejn 10 u 30 ettaru, anki jekk ir-raba' mistrieħ kien konfuż mal-mergħat temporanji, ma kien jeżisti ebda riskju għall-fondi tal-Unjoni;
- ddikjarat li l-konfużjoni bejn ir-raba' mistrieħ u l-mergħat temporanji kienet ipproduċiet baraxx ta' konsegwenzi, li qiegħdu inkwistjoni l-applikazzjoni tal-limiti ta' ekoloġizzazzjoni bbażati fuq id-diverifikasiazzjoni tal-għnejja, konformement mal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1307/2013;
- stabbilixxiet, billi rreferiet għall-Artikolu 34(6) tar-Regolament ta' Implantazzjoni Nru 908/2014, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar l-assenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-każ tar-raba' li jinhad dem ta' bejn 10 u 30 ettaru;
- ikkonkludiet, billi rreferiet għall-prinċipju ta' proporzjonalità, li l-applikazzjoni, għas-snin tat-talba 2017 u 2018, ta' korrezzjoni b'somma f'daqqa li qabżet id-doppju ta' dik applikata għas-snin tat-talba 2015 u 2016 kienet iġġustifikata.

- C. Ksur tal-Artikolu 52 tar-Regolament Nru 1306/2013 u tal-Linji Gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji<sup>(5)</sup>, fir-rigward tan-nuqqas ta' "aġġornar tal-LPIS"<sup>(6)</sup>.

Ir-Rumanija ssostni li l-Qorti Ĝeneralni ddefinixxiet, b'mod kontradittorju, n-nuqqas ta' "aġġornar tal-LPIS", billi ddikjarat b'mod żbalj li din tal-aħħar hija kkaratterizzata minn:

- nuqqas ta' aġġornar tal-LPIS kull 3 snin, b'nuqqas ta' bażi legali f'tali sens;
- l-iżbalji li rriżultaw min-nuqqas ta' aġġornar tal-LPIS, minkejja li ma ġewx ikkonstatati żbalji ta' tali tip fl-investi-gazzjoni tal-2018.

<sup>(4)</sup> Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bidewa taħbi skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifica fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

<sup>(5)</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2015) 3675 final tat-8 ta' Ġunju 2015 intitolata, "Linji gwida dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-qafas tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u ta' clearance tal-kontijiet".

<sup>(6)</sup> Is-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja tal-Art (iktar 'il-quddiem il-'LPIS').

- D. Ksur tal-Artikoli 31, 34 u 35 tar-Regolament Nru 809/2014 (⁷), tal-Artikoli 23 sa 26 tar-Regolament Nru 640/2014 (⁸) u tad-Dokument ta' Ħidma DS/CDP/2015/19 (⁹), sa fejn jikkonċernaw in-nuqqas dwar it-twettiq ta' numru suffiċjenti ta' kontrolli fuq il-post fil-kuntest tal-iskema ta' pagamenti għall-ekoloġizzazzjoni.

Ir-Rumanja tqis li l-Qorti Ĝeneralist ddeċidiet b'mod żbaljat li s-superfiċje mhux identifikabbli bħala SPUE (¹⁰) kellha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tat-tnaqqis totali għall-ekoloġizzazzjoni għal kull ettar, sabiex tiżdied ir-rata ta' kontrolli fuq il-post. Ftali kuntest, il-Qorti Ĝeneralist allegatament assimilat, b'mod żbaljat, is-superfiċje mhux identifikabbli bħala SPUE ma każ ta' tnaqqis ta' pagamenti għall-ekoloġizzazzjoni.

---

(⁷) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69).

(⁸) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrativi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48).

(⁹) Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni DS/CDP/2015/19, relatav maż-żieda fil-perċentwali ta' beneficijari li għandhom jiġu vverifikati fil-kuntest tal-ekoloġizzazzjoni meta jiġi kkonstatat nuqqas ta' konformità sinjifikattiva.

(¹⁰) Skema ta' pagament uniku skont l-erja.